MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2008

Numru 709/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**OMAR TOURE**
**U**
**PAPA YATMA THIAM**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Omar Toure ta' 19 sena, bin Ousman u Iasaa, imwieled l-Ivory Coast, nhar t-l-1 ta' Jannar 1989, u residenti fil- fond Hal Far Tent Centre, Limiti taz- Zurrieq, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 44674(A)u numru ta
l- imigrazzjoni RF 7512;

u

Papa Yatma Tima ta’ 29 sena, iben Mamadou u Mamadiarra, imwieled is- Senegal nhar id- 29 ta’ Jannar 1979 residenti gewwa Bugibba, detenut ta’ passaport ta’ Senegal numru A00097900 u ta’ Spanish residence permit no: E09347282

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1)Gewwa Triq it- Torri Sliema, fil- 31 ta’ Lulju 2008 u fil-jiem ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda , iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunses tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distintivi tax- xoghol tal- mohh, jew tal- prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta’ dawn l- ismijiet , marki jew sinjjali iffalsifikati jew imbidllin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas- sid;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw u biddlu, minghajr il- kunsens tas- sid, id- disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew, xjentement, ghamlu uzu ta’ dawn id- disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas- sid;

3) U aktar talli fl- istess perjodu, lok, u cirkostanzi, xjentement, ghamlu uzu ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li kein fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew bieghu merkanzija, b’din il- marka, sinjal jew emblema;
4) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qieghedu fic- cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall- bejgh jew importaw ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’makra, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq;

5) U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil- hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il- kunsens tal- propjetarju, bieghu jew krew, offrew jew esponew ghall- bejgh jew kiri jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l- ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x' aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li l-imputati irregistraw ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq mill-Qorti skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni taghhom.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18 u 298 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill- imsemmijin imputati hatja u ghaldaqstant tilliberhom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien 6 xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna l-konfiska tal- oggetti indikati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------